# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1800

## tal-11 ta' Ottubru 2021

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 [1], dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 tapplika sal-15 ta' Ottubru 2021. Fuq il-bażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stipulati fiha jiġu estiżi sal-15 ta' Ottubru 2022.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Ottubru 2022 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. PODGORŠEK

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58).